PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

30.8.2007 PE 393.892v01-00

EMENDI 1-3

Abbozz ta' opinjoni **(PE 392.098v01-00)**
Bárbara Dührkop Dührkop
Dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008
Sezzjoni III, Kummissjoni
(C-0000/2007 - 2007/2019(BUD))

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 1
Paragrafu 4

4. Iqis li l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar ta' Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (Frontex) għandha l-irwol importanti x'teżerċita fl-immaniġġjar integrat ta' fruntieri esterni ***u fil-salvataġġ ta' l-immigranti fil-baħar;*** iżda jqis li l-Aġenzija għandha tkun aktar responsabbli għall-awtorità tal-baġit fl-implimentazzjoni tal-baġit, u b'mod aktar speċifiku fil-missjonijiet organizzati mill-Frontex; ***iqis li l-ammont baġtarju ta' 45 milljun EUR allokat għall-2007 huwa eċċessiv jekk tqis li l-attività ta' l-Aġenzija teskludi s-salvataġġ ta' persuni fil-baħar, li l-attività li twettaq hija limitata għal ftit interventi u li aktar minn 40% tal-baġit ta' l-Aġenzija jintefaq fuq funzjonijiet amministrattivi;*** jitlob lill-Aġenzija biex tirraporta b'mod regolari dwar l-attivitajiet tagħha lill-kumitat responsabbli.

Or. it

Emenda mressqa minn Roberta Angelilli

Emenda 2
Paragrafu 4 a (ġdid)

4 a. jenfasizza l-importanza li jittieħdu azzjonijiet konkreti favur il-minuri u għaldaqstant jitlob it-tħejjija ta' azzjoni preparatorja sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet futuri tal-Forum Ewropew għad-drittijiet tal-minuri, li jaħdem favur il-ħarsien tal-minuri u li twaqqaf f'Berlin fl-4 ta' Ġunju 2007;

Or. it

Emenda mressqa minn Roberta Angelilli

Emenda 3
Paragrafu 5 a (ġdid)

5 a iqis li tkun ħaġa tajba wkoll li jitwettqu azzjonijiet urġerti għall-ħarsien tal-minuri bħal twaqqif ta' mekkaniżmu ta' twissija immedjata f'każ ta' serq jew ħtif ta' minuri, sabiex ikun ħemm ħidma ta' malajr għat-tfittxija ta' minuri li jisaprixxu filwaqt li jgħaqqad flimkien l-Istati Membri kollha;

Or. it